

Il-liġijiet fundamentali u l-Istrument tal-Gvern

In-nies fl-lżvezja għandhom id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom protetti primarjament minn tliet liġijiet fundamentali: l-Istrument tal-Gvern (*regeringsformen*), l-Att dwar il-Libertà tal-Istampa (*tryckfrihetsförordningen*) u l-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (*yttrandefrihetsgrundlagen*). L-Istrument tal-Gvern jiddikjara li l-poter amministrattiv għandu jiġi eżerċitat b'rispett għall-ugwaljanza tan-nies kollha u għal-libertà u d-dinjità tal-individwu.

L-indipendenza tal-ġudikatura u s-sħarriġ ġudizzjarju

L-indipendenza tal-ġudikatura hija garantita mill-Istrument tal-Gvern. Il-qrati għandhom rwol importanti fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi. Ir-rimedji legali disponibbli fl-ordinament ġuridiku Żvediż huma mfasslin biex jiproteġu d-drittijiet fundamentali. Il-proċedimenti legali normalment jiġu deċiżi minn qrati ordinarji u minn qrati amministrattivi ġenerali, u f'xi każijiet minn awtoritajiet amministrattivi. Liema qorti tisma' każ li jirrelata mad-drittijiet fundamentali jiddependi fuq diversi fatturi, bħad-dritt li ġie miksuri u l-kuntest li fih seħħ dan. Liema qorti tisma' l-każ jista' jiġi affettwat ukoll minn jekk kienx korp privat jew pubbliku li kiser id-dritt.

Ikklikkja [hawn](#) għal aktar informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku Żvediż.

Għajnuna jew informazzjoni mill-awtoritajiet

Hemm numru ta' awtoritajiet fl-lżvezja inkarigati li jgħinu sabiex jiġi żgurati ir-rispett għad-drittijiet fundamentali b'modi differenti. Dawn l-awtoritajiet għandhom kompieti differenti. Xi wħud sempliċiment jipprovdu informazzjoni dwar id-drittijiet fil-qasam tagħhom, pereżempju, filwaqt li oħrajn joffru assistenza legali f'każ individwali.

Tista' tfittex l-awtoritajiet billi tuża l-[Għodda Interattiva tad-Drittijiet Fundamentali](#).

L-aħħar aġġornament: 24/05/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.